MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 165/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**
**Vs**
**Jean Pierre Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-12 ta' Novembru, 2008 ghall-habta tal-15.45 hours fi Triq l-Imdina, Attard, saq vettura DAM 725, tal-marka Yugo
1. b'mod traskurat, negligenti u perikoluz;
2. ma segwiex is-sinjali trat-traffiku;
3. kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied;
4. naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lil PS 321, Ufficjal Pubbliku;
5. m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 321, PS 241 u PC 1187;

6. ma halliex jew fixkel fi dmirijiethom lill-istess tliet ufficjali;
7. ngurja bi kliem lill-istess PS 321.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 2 tal-Avviz Legali 94/1969, l-Artikoli 338 (dd), 338 (g) u 338 (ee) tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), t-tielet (3), ir-raba’ (4), l-hames (5) u s-sitt (6) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu multa komplessiva ta’ mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar millum. Peress illi s-seba’ (7) akkuza ma rrizultatx pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi, l-Qorti lliberat lill-appellant minn din l-akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mis-seba’ akkuza filwaqt li thassarha w tirrevoka fil-parti fejn instabet htija tal-appellant u b’hekk tillibera lill-appellant mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames u s-sitt akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli l-kaz in kwistjoni hemm kunflitt car ta’ provi w l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w kellha ghalhekk bil-fors tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu. Illi mill-mod kif xehed l-appellant jidher car li l-akkuzi ma jistghu qatt jirrizultaw u dana specjalment ghal fatt illi jekk verament kellhom jittiehdu proceduri kriminali dawn kellhom jittiehdu kontra l-Pulizija in kwistjoni bl-appellant bhala parte leza ghax f’dan l-incident kienu l-Pulizija li aggredew lill-appellant u ghalhekk kisru l-ligi w mhux l-appellant li tenut kont tal-fatti tal-kaz ma ghamel xejn hazin u inoltre kien fl-impossibilita’

li jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija. Illi inoltre l-appellant hassu wkoll ferm aggravat mill-fatt li mhux biss instab hati fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz izda anke huwa gie skwalifikat mill-licenzji tas-sewqan u dana meta huwa haddiem clerikali mlahhaq fl-isptar Monte Carmeli w l-uniku mezz ta' trasport li huwa ghandu huwa li jmur ghax-xoghol bil-karozza tieghu. Illi kemm il-darba tibqa' fis-sehh l-iskwalifika l-appellant litteralment ma jkunx jista' jmur ghax-xoghol tieghu. Illi l-appellant ghandu dritt li f'parametri ta' abbuz flagranti mill-ufficjali tal-Pulizija li hadmu dan il-kaz jiddefendi ruhu. Mhux biss izda bniedem jista' jinstab hati li ma obdiex ordni legittima dejjem jekk l-ordni moghtija tkun wahda legittima. Illi l-ordni in kwistjoni kienet wahda skorretta w msejjsa fuq ragunijiet abbuzivi w ghalhekk mhux illegali li persuna ma jobdix ordni li hija ntrinsikament hazina. Illi f'dan il-kaz b'kull rispett wiehed kien jippretendi li l-qorti tibghat ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu l-passi kontra l-Pulizija nvoluti w mhux li l-appellant jigi misjub hati. Illi ghalhekk l-appellant ghandu jigi lliberat minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat id-depozizzjonijiet bl-affidavit ta' PC1187 Omar Zammit, PS 241 Nicholas Farrugia w PS 321 Alan La Grasta w semghet ix-xiehda tal-appellant;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi mid-depozizzjoni bl-affidavit ta' **PC 1187 Omar Zammit** jirrizulta li waqt li fit-12 ta' Novembru, 2008, hu w z-zewg ufficjali tal-Pulizija PS Farrugia u PS La Grasta, kienu ghaddejjin minn Mdina Road, Attard, fuq ronda ghall-habta tal-15.25 pm , innotaw li kienet grat kollizzjoni quddiem id-dahla tal-Isptar Monte Carmeli. Huma waqfu w gew informati li persuna li kienet passiggier f' wahda miz-zewg vetturi nvoluti kienet gja ttiehdet l-isptar. Huma bdew jikkontrollaw it-traffiku w wara xi hin raw vettura Yugo ta' kulur maroon, numru DAM 725, tohrog mill-isptar u taqsam dritt minn fuq ic-centre strip li hemm fin-nofs u dan biex ma ddurx mar-roundabout li hemm ftit il fuq. Huma

waqqfu lil din il-karozza w PS 321 staqsa lill-appellant li kien lix-xufer ghaliex kien ghamel din il-manuvra. Dan qabad jghajjat u beda jghid li huma messhom ma kellmux lilu imma lid-drivers tat-trakkijiet imma huma ma jkellmux lil dawn ghax jibzghu minnhom. PS 321 talab lill-appellant il-particulars tieghu imma dan baqa’ jghajat u jirrifjua li jaghti l-particulars tieghu. Beda wkoll jipprova jsuq imma huma zammewh milli jaghmel dan. Irrifjuta li jinzel mill-vettura meta PS 321 ordnalu jaghmel dan. Beda jghid li huma qed jahlulu hin prezzjuz u jghajjarhom klieb. Beda jghid li huma ma jaghmlu xejn sew u li n-nies thallas it-taxxi ghal xejn. Meta baqa’ ma harigx mill-vettura w wara hafna twissjiet, hu rega’ pprova jsuq, PS 321 uza l-*pepper spray* . L-appellant umbaghad minnufieh inhareg mill-karozza u PS 241 ipprovdielu xi *tissues* ghax bdew jaharquh ghajnejh. L-appellant beda jghajjat li l-Pulizija kollha, mill-Kummissarju ‘l isfel, huma korrotti, specjalment tat-traffic; li jsawwtu n-nies u li kienu tefghu persuna mid-Depot ghall-isfel u li PS 321 sawwat mara anzjana gewwa San Giljan. Qal li m’ghandux fiduca fil-Qorti w beda jghajjar lill-mhallfin u Magistrati korrotti ghax ikun miftehma mal-ufficjali taghhom. Meta gie mwissi biex iskot u joqghod attent xi jghid ghax dan ha jintqal kollu fil-Qorti, hu baqa’ jghid li ma jinteressahx. Umbaghad ittiehed l-ghassa ta’ Birkirkara.

**PS 241 Nicholas Farrugia** u **PS 321 Alan La Grasta,** fl-affidavit rispettiv taghhom, jikkorroboraw kompletament lil PC Zammit fid-dettalji kollha u PS La Grasta spjega li wara dak kollu li kien qed jaghmel l-appellant hu hareg il-*pepper spray* u wissa lill-appellant ghal diversi drabi li jekk ma kienx ser jikko-opera, kien ser ikollu juzagh. Dak il-hin kien hemm nofs it-triq maghluqa bit-traffku. L-appellant baqa’ jirrifjuta w hu ma kellux triq ohra hlief li juza l-*pepper spray* . Meta l-appellant hass l-*spray,* hareg mill-vettura w gie arrestat. Waqt li qed jittiehed l-ghassa beda jzeblah lill-Qorti w ighid li l-Imhallfin u l-Magistrati korrotti, bil-knisja Kattolika w bil-membri tal-kleru pedofli w kliem iehor dispregjattiv .

**L-appellant** xehed li dak inhar kien hiereg minn go “side street” ghat-triq principali.  Hemmhekk hemm gap fic-

central strip biex wiehed ikun jista' jaqsam ghall-karreggjata opposta, pero' hu nnota li f'dak il-gap kienu habtu zewg karozzi w kien hemm il-Pulizija qed jinvestigaw il-kaz. Hu ghalhekk ipprova jaqsam ghan-naha l-ohra billi jghaddi minn fuq ic-central strip li kellha l-kurduna taghha gholja biss xi 2 jew 3 pulzieri 'l fuq mit-triq. Qablu kienu ghaddew ukoll xi karozzi ohra w anki xi truck tal-gebel. Waqt li qed jaghmel dan, il-Pulizija bdew jghajjatulu u gew ghal fuqu u bdew jghajjtu mieghu. Hu nizzel it-tieqa w bdew jigbduh minn idu bis-sigarett f'halqhom. Beda jghidilhom biex ma jkunux aggressivi mieghu. Kien jaf li warajh kienu hergin il-kollegi tieghu mix-xoghol u ma ridtx li l-perception taghhom dwaru tihzien ghax waqqfuh il-Pulizija. Tefghawlu anki l-pepper spray il-Pulizija. Hu minnu li kien qal xi kliem offenziv, pero' cahad li kien qalilhom li l-Pulizija korrotti, li kienu tefghu wiehed ghal isfel mid-depot, li l-Imhallfin u l-Magistrati kienu kollu korrotti w li l-knisja Kattolika kienet korrotta w li l-qassisin kienu kollha pedofoli. Dak il-hin hu kien taht hass hazin u ghalhekk hu kellu "emotional outburst".

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni, din tikkomprendi zewg akkuzi w cioe' dik ta' sewqan b' manjiera perikoluza w sewqan b' manjiera traskurata. Issa kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) **negligent**i ; jew (ii) **bla kont** jew (iii) **perikoluz** hi kwistjoni ta' "**degree**". (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59] ; **Pul. vs. Wilson** [Vol. XXXIX p. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol.XXXIX p. 1018].) "Recklessness" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye"* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , [20.4.1963] ) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri** , [Vol. XLIV , p.892] )

Fil-kaz in ezami ma jidhirx illi l-manuvra li kien ser jittanta jaghmel l-appellant, konfrontat bi *traffic jam* barra l-Isptar Monte Carmeli, minn fejn hu kien hiereg, li jipprova jghaddi minn fuq ic-*centre strip,* hija tali li tirrientra entro l-kategorija ta' sewqan hazin l-aktar gravi w cioe' dik ta' sewqan perikoluz. Ma jissemmiex xi speed eccessiv jew xi sewqan iehor manifestament erratiku da parti tal-appellant mit-tlitt ufficjali tal-Pulizija. Il-Pulizija deherilhom li din kienet kontravvenzjoni u ghalhekk gustament waqqfuh milli jaghmel il-manuvra, pero' tali manuvra tista' ghal massmu titqies bhala sewqan traskurat u xejn aktar. Ghalhekk fl-ewwel imputazzjoni ghandu jirrizulta biss dar-reat ta' sewqan b' maniera traskurata w mhux ukoll dak ta' sewqan b' manjiera perikoluza.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-akkuzi l-ohra kollha li taghhom l-appellant instab hati, din il-Qorti, ghalkemm l-appellant jichad dak li xehdu l-ufficjali tal-pulizija fil-konfront tieghu, tqis li dan il-konflitt fil-provi ma jwassalx ghall-liberazzjoni tal-appellant. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."*

F' dan il-kaz hi ferm aktar attendibbli l-versjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni w ghalhekk l-aggravji kollha tal-appellant dwar dawn l-imputazzjonijiet l-ohra jisfumaw fix-xejn u qed jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati ta' sewqan b' manjiera traskurata- reat kompriz fl-ewwel imputazzjoni w li ghall-fini tal-piena jassorbixxi l-kontravvenzjoni kontemplata fit-tieni imputazzjoni- u fejn ukoll sabitu hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames u s-sitt imputazzjonijiet u

fejn ma sabitux hati tas-seba imputazzjoni w tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ sewqan b’ maniera perikoluza taht l-ewwel imputatazzjoni w fejn ikkundannatu ghall-multa komplessiva ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro w fejn skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar, u minnflok tikkundannah ghal multa ta’ mitt Ewro (€100) ghall-ewwel imputazzjoni w ammenda komplessiva ta’ hamsin Ewro (€50) ghall-imputazzjonijiet numru 3, 4, 5 u 6 u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien hmistax il-jum li jibdew jiddekorru minn-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------